MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

Il-Ħamis, 03 ta' Awissu, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Joseph Cauchi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 57.1 Proġett tisbieħ ta' Quddiem il-Librerija;

57.1.1 Is-Sindku fakkar fil-proġett li konna applikajna għalih mar-Reġjun dak ta' spażji miftuħa fejn oriġinarjament konna applikajna biex nirranġaw quddiem l-Għar Puniku ta' Triq it-Tieqa tad-Dwejra. Peress li jidher li dan il-proġett mhux ser ikun fattibbli minħabba l-permessi u li l-flus mhux biżżejjed, ippropona li l-Kunsill jitlob lir-Reġjun sabiex jibdel il-proġett biex isir it-tisbieħ quddiem il-librerija u wkoll miegħu jitlob li jsir trasferiment tal-fond tal-ambjent li jammonta għall-€10,500 għal dan l-iskop. B'hekk is-somma totali tkun ta' €35,500. Fakkar li ma dan il-proġett hemm il-proġett tal-Artist Giordanella li l-Kunsill kien issieħeb miegħu. Huwa semma li dan il-proġett jinkludi Teatru Grieg, l-installazzjoni tal-Poet Tree, toilet u tisbieħ ieħor. Huwa qal li bagħat il-proposta lir-reġjun li qed tiġi kunsidrata u qal li kellem lill-President li deher li qabel mal-proposta. Is-Sindku kompla jgħid li ser ikellem lill-perit Shawn Micallef li huwa l-perit li oriġinarjament kien tqabbad u ser jisħaq ukoll li bħala BOQ inkunu stretti biex ma jintafqux flus extra mill-Kunsill. . Is-Sindku qal li r-Reġjun informa lill-Kunsill li l-fondi kollha jridu jintużaw sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 57.2 Evaluation of Tender for Works – GAGF Hall Renovation Project;

57.2.2 Is-Sindku informa li l-ebda offerta ma kienet compliant u għalhekk ippropona li terġa toħroġ is-sejħa fast track. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 57.3 Proposta ta' Għeluq tal-Pjazza Kull nhar ta' Sibt.

57.3.1 Is-Sindku qal li kellu divesi talbiet biex nhar ta' Sibt f'Awissu u Settembru, tingħalaq il-Pjazza biex fiha t-tfal ikunu jistgħu jilgħabu mingħajr periklu u bi triq id-Duluri tiġi two-way biex ma ntellfux il-flow tat-traffiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv